MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 933/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Felix u Karen miżżewġin Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjeta' attriċi li jgħid hekk:

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, datat fid-19 ta' Frar, 2002 (Dok. 'A'), is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Felix u Karen miżżewġin Micallef;

2. Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi ta' Felix u Karen miżżewġin Micellef fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€45,125.33) bilanċ għad-debitu fil-*Loan Accounts* ta' Felix

u Karen miżżewġin Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘B1’ sa ‘B3’ u ‘C1’ sa ‘C4’) fllimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mid-29 ta’ Awissu 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument ‘A’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Felix u Karen miżżewġin Micallef:

(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulati fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess Felix u Karen miżżewġin Micallef li jipperikolaw jew jaffettwaw hażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta’ ittra uffiċċjali datata fit-18 ta’ Mejju, 2007 li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. ‘D’, sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawza.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m’għandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attrici li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bħala Dokument ‘A’) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Felix u Karen miżżewġin Micallef (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulati fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess Felix u Karen miżżewġin Micallef li

jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi;

2. Tikkundanna lil Felix u Karen miżżewġin Micallef iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf, mija u ħamsa u għoxrin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€45,125.33) bilanċ ghad-debitu fil-*Loan Accounts* ta' Felix u Karen miżżewġin Micallef mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B1' sa 'B3' u 'C1' sa 'C4') flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Awissu, 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.
Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali datata 18 ta' Mejju, 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni."

Rat in-nota tax-xhieda tal-istess soċjeta' attriċi;

Rat illi r-rikors maħluf kien debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw risposta maħlufa u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tal-P.L. Francesca Scerri għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi, mhux kontradetti, it-talba attriċi kif dedotta fir-rikors maħluf tirriżulta pruvata;

**Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors maħluf, bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------